SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12,
Tel : 21373111 Fax : 21373444
e-mail: sangiljan.lc@gov.mt

Rif  Minuti 16/K5/06

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 27/04/'06** **205**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 27/04/'06** **258**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 27 t'April 2006.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-4.00 p.m.

1.03 Preżenti: Seba' membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

### 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-talba.

### 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fil-21 t'April 2006. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Proġett VUCC - SURCH
4. Aġġornament Proġett Ta' Ġiorni
5. Bye-Laws dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq
6. Nuqqas t'attendenza ta' Kunsillieri
7. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

### 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 15/K5/06 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna ressaq emenda għal Paġna 11, Taqsima 9, Paragrafu 9.05 (VI) sabiex minflok il-kliem **Wied tal-Balluta** jitniżżel **Village Area – Triq il-Baltiku**.

1.3.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 15/K5/06 kif emendati.

1.3.06 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

1.3.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 1419 | Memo mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u Avviż Legali rigward żbir ta' siġar fil-lokalita'. |
| 1508 | E-mail mingħand l-Għaqda Maltija ta' l-Ortikultura sabiex il-Kunsill jipparteċipa fil-wirja annwali b'qoffa rranġata b'varjeta' ta' ħaxix u frott. |
| 1690 | Ittra mingħand il-Maltapost p.l.c. rigward il-letter box ta' ħdejn il-Merħba Pharmacy. |
| 1738 | Ittra mingħand il-Każin tal-Banda San Ġiljan rigward stedina u talba għal għajnuna sabiex jittela' programm mużikali f'Xatt is-Sajjieda. |
| 1754 | Ittra mingħand l-Environmental Landscapes Consortium Ltd rigward installazjoni ta' 'planter boxes' ħdejn in-Neptunes. |
| 1768 | Memo mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Senior Management Development Programme' għas-Segretarji Eżekuttivi. |
| 1778 | Ittra mingħand l-Awtorita' dwar it-Turiżmu rigward 'Outside Promotional Contacts'. |
| 1796 | Ittra mingħand is-Soċjeta' Mużikali tal-Karmnu Balluta rigward attivita' li ser tittela' f'Lulju. |

1802 E-mail mingħand il-Ministeru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija rigward kuntratt ġdid għal Ċentru ta' l-Internet WIFI għall-pubbliku.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Rif. Nru. 1508

B'riferenza għall-e-mail mingħand l-Għaqda Maltija ta' l-Ortikultura sabiex il-Kunsill jipparteċipa fil-wirja annwali, ġie deċiż unanimament li għal sena oħra konsekuttiva l-Kunsill jipparteċipa fl-esibizzjoni b'qoffa rranġata b'ħaxix ta' l-ikel u frott u wara l-esibizzjoni din il-qoffa tingħata lill-Dar tal-Providenza. Is-Sur Gabriel Portelli l-PRO ta' l-Għaqda Maltija ta' l-Ortikultura ser jintalab biex jieħu ħsieb li jagħmel il-qoffa f'isem il-Kunsill.

2.03 Rif. Nru. 1690

Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Maltapost p.l.c. rigward il-letter box ta' ħdejn il-Merħba Pharmacy. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għall-proposti li saru.

2.04 Rif. Nru. 1738

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Każin tal-Banda San Ġiljan rigward programm mużikali f'Xatt is-Sajjieda, ġie deċiż unanimament li:-

- l-Kunsill għat-tieni sena konsekuttiva, b'kollaborazzjoni mal-Banda San Ġiljan, jipparteċipa biex jittella' dan il-programm,
- jingħataw Lm100 bħala parti mill-ispejjeż biex tittella' din l-attivita'.

2.05 Il-Kunsillier David Borg wasal fl-4.30p.m.

2.06 Rif. Nru. 1754

Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Environmental Landscapes Consortium Ltd rigward stima għal installazjoni ta' 'planter boxes' ħdejn in-Neptunes. Ġie deċiż unanimament li:-

- Kopja ta' din l-ittra tintbagħat lill-Awtorita' dwar it-Turiżmu biex jiġi kkunsidrat li dawn il-'planter boxes' isiru għall-ispejjeż tagħhom.
- Jekk l-Awtorita' dwar it-Turiżmu ma taċċettax it-talba tal-Kunsill jew idumu biex jagħmlu x-xogħlijiet dawn isiru mill-Kunsill u l-fondi jittieħdu mill-vot tar-'repair and upkeep'.

- Jekk il-Kunsill jagħmel ix-xogħol ta' dawn il-'planter boxes' tintbagħat ittra lid-Direttur tax-Xogħlijiet, il-Perit Ray Farrugia, fejn il-Kunsill jitlob li jiġi rifondut għall-ispejjeż li l-Kunsill ikun għamel minħabba xogħol ħażin li kien sar meta sar il-proġett.

2.07 Rif. Nru. 1768

B'riferenza għall-memo mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Senior Management Development Programme' għas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsili Lokali, il-Kunsill ġie nformat li s-Segretarju Eżekuttiv ser tattendi.

2.08 Rif. Nru. 1778

Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Awtorita' dwar it-Turiżmu rigward 'Outside Promotional Contacts'.

2.09 Wara diskussjoni ċ-Chairman Peter Bonello ppropona li għandhom jingħataw permess.

2.10 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

2.11 Din il-mozzjoni għaddiet għall-votazzjoni fejn:-

- seba' Kunsilliera vvutaw favur li jsir 'booth / stand' in-naħa tal-Baracuda Restaurant.

- erba' Kunsilliera vvutaw favur li jsir 'booth/stand' in-naħa tal-Park Towers filwaqt li tlett Kunsilliera vvutaw kontra.

2.12 Dan dment li min ikun qed ibiegħ, ma joħroġx minn ġol 'booth/stand' sabiex jippromwovi l-prodotti tiegħu.

2.13 Rif. Nru. 1796

B'riferenza għall-ittra mingħand is-Soċjeta' Mużikali tal-Karmnu Balluta rigward attivita' li ser tittela' f'Lulju ġie deċiż unanimament li l-Kunsill, jippartеċipa b'kollaborazzjoni ma' din il-banda biex tittella' serata mużikali fil-Pjazza tal-Balluta u jiġu allokat Lm100 bħala parti mill-ispejjeż għal din l-attivita'.

## 3. Proġett VUCC – SURCH

3.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b'kopja ta' dokumenti rigward il-proġett VUCC – SURCH (ara Appendiċi 'A').

3.02 Iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill illi avviċina lis-Sindku tal-Kunsill Lokali Valletta minħabba li dawn qed jieħdu ħsieb u jippartеċipaw fil-Proġetti tall-VUCC (Valletta Urban Community Council) – SURCH Ed (Social inclusion in Urban Regeneration

through Cultural Heritage and Education) taħt program ta' l-URBACT li huwa ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea. F'dan il-proġett setgħu jipparteċipaw dawk il-Kunsilli li għandhom port jew li jmissu miegħu. Il-gwadan ta' dan il-proġett huwa li jinkisbu finanzi mill-Unjoni Ewropea biex isir proġett. Iċ-Chairman għamel riferenza ukoll għall-incoming 1664/06 fejn jidher li l-kumitat ma sabx oġġezzjoni li l-Kunsill Lokali San Ġiljan jissieħeb.

3.03 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li s-Sindku s-Sur Peter Bonello jirrappreżenta lill-Kunsill f'dan il-proġett u l-Viċi Sindku s-Sur Karl Gouder jkun is-sostitut tiegħu.

## 4. Aġġornament Proġett Ta' Ġiorni

4.01 Saret riferenza għall-Minuti 15/K5/06 taqsima 4 u għad-dokumenti mehmuża (ara Appendiċi 'B').

4.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li nġabret l-istima mingħand Schranz Ltd. għax-xogħolijiet li huma neċessarji li jsiru biex joqgħod il-pitch tip 2 ta' l-MFA. Wara li ġie kkunsidrat id-differenza li għandha titħallas lill-MFA għas-size tal-pitch u għall-installazzjoni eċċ. jirriżulta li d-differenza bejn il-kwotazzjoni tal-kuntrattur Schranz Ltd. għal dik ta' l-MFA hija ta' Lm521.80, fejn diġa għandna l-istejjem. Dan kif ġej:-

| Obbligi li għandhom jitħallsu mill-Kunsill lill- MFA għall-installazzjoni tal-pitch tip 2 | Lm | Kuntratt ta' Schranz Ltd. installazjoni ta' Synthetic Turf Surface Lm | Differenza |
|---|---|---|---|
| | | | |
| Għad-differenza tal-qies tal-pitch | 3000.00 | | |
| Għal installazjoni Lm 2000 + 18 % VAT ( Lm 360.00 – see inc.1707/06) | 2360.00 | | |
| Spejjeż ta' Schranz Ltd sabiex jerġgħu jsiru xi xogħolijiet biex joqgħod il-pitch tip 2 ( see inc. 1504 / 06) | 6982.20 | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Spejjeż għat-trasportazzjoni mil-Malta Seaport sas-sit fejn ser jiġi nstallat ( see inc. 1707/06) | No quote provided from MFA | | |
| Spejjeż oħra tal-port, VAT, dwana, eċċ. ( see inc. 1707/06) | No quote provided from MFA | | |
| Supply of 13 amp Electricity during installation of pitch ( see inc. 1707/06) | No quote provided from MFA | | |
| Total: | 12,342.20 | 12864.00 | 521.80 |

4.03 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li l-pitch isir minn Schranz Ltd. u li jiġi nfurmat li jkompli bix-xogħlijiet skond ir-rati tal-kuntratt.

**5. Bye-Laws dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq**

5.01 Saret riferenza għall-emendi proposti mill-Ministru għall-Bye-Laws ta' l-2006 dwar Reklami fuq Għamara Tat-Toroq (Ara Appendiċi 'Ċ').

5.02 Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-proposti tal-Kunsill għall-Bye-Laws dwar Reklami fuq l-Internet ġiet eliminata billi l-policy preżenti hi li Bye-Laws simili ma jiġux approvati (Ara inc. 1670/06).

5.03 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Bye-Laws kif emendati mill-Ministru.

5.04 Il-Kunsillier Karl Gouder ssekondah.

5.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6. Nuqqas t'attendenza ta' Kunsilliera**

6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja ta' l-attendenza tal-Laqgħat (Ara Appendiċi 'D').

6.02 Iċ-Chairman Peter Bonello għamel riferenza għall-Att Dwar Kunsilli Lokali taqsima 1 paragrafu 18, dwar ***Kunsillieri għandhom jattendu l-laqgħat kollha*** u ġibed l-attenzjoni li l-Kunsillier David Borg, naqas li jattendi aktar minn terz tal-laqgħat imsejha fi żmien sitt xhur. Peress li dan kien minħabba li kellu mpenji li ma kellux kontroll fuqhom, iċ-Chairman ippropona li l-Ministru jiġi nfurmat biex ma jiddikjarax il-post tiegħu vakanti.

6.03 Il-Kunsilier Karl Gouder issekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.05 Hawnhekk iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni wkoll illi l-Kunsillieri Karl Gouder, Irene Borg u Norman Vella kienu assenti jew skużati għal terz mil-laqgħat imsejha fi żmien sitt xhur.

## 7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet

7.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

7.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

7.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondaha.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

8.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets min-numru 2005 sa l-2019 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

8.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets mill-2005 sa l-2019.

8.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondaha.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9. Materji Oħra

9.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

9.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

9.03 Il-Kunsillier David Borg ġie skużat 6.05 p.m.

9.04 Saret riferenza għall-Minuti 15/K5/06 taqsima 2 paragrafu 2.03. Il-Kunsill ġie nfurmat illi kellha ssir laqgħa ma' Fr. Hiliary Tagliaferro illum, iżda dan ikkanċellaha.

9.05 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill iddeċieda unanimament li l-pagamenti għas-servizz ta' tindif fil-Millenium Chapel jitħallsu sal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss u li jerġa jsir appuntament ieħor ma' Fr. Hilary Tagliaferro.

9.06 Saret riferenza għall-minuti 15/K5/06 taqsima 9 paragrafu 9.05 (3), għal-laqgħa li saret ma' Traffic Management Unit u għall-korrispondenza 5071/05, 5190/05 u 4725/05 rigward 'traffic management' fi Triq il-Mensija (ara Appendiċi 'Ġ').

9.07 Iċ-Chairman għamel riferenza għall-korrispondenza 1762/06 u K418/043/06 (ara Appendiċi 'H') u informa lill-Kunsill li oġġezzjona lill-ADT li jsir 'single yellow line f'Telgħet Birkirkara.

9.08 Ġie deċiż unanimament li l-Kunsillieri Karl Gouder, Edgar Montanaro u Richard Scicluna jiltaqgħu biex isir sketch dwar kif jista jsir it-traffic management fi Triq il-Mensija sabiex dan jintbagħat lit-Traffic Management Unit għall-approvazzjoni.

9.09 Il-Kunsill ġie nformat illi:-

- ċ-Chairman talab li ssir laqgħa mal-Perit Mario Ellul min-Network Infrastructure Directorate dwar it-Ten-T Road Network xi ġurnata mil-ġimgħa d-dieħla u dan ser ikun 'short notice'. Dan wara li diġa sar 'public consultation'.

- nhar it-Tnejn 24 t'April saret laqgħa fejn is-Sur Mario Attard, Direttur – Product Planning and Development Directorate ta' l-MTA talab li jiltaqa' mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv biex jiġi diskuss l-istat tal-latrini pubbliċi fil-lokalita' (ara Appendiċi 'I'). Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni illi għal din l-laqgħa kien preżenti ukoll il-Kunsillier Richard Scicluna peress li f'dak il-ħin kien qiegħed l-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sur Attard ġie nfurmat li min-naħa tal-Kunsill m'hemmx finanzi biex jinbidlu jew jiġu rranġati dawn l-latrini pubbliċi. Jidher illi min-naħa ta' l-MTA ser tittieħed azzjoni sabiex qabel is-sajf il-latrini pubbliċi jiġu rranġati.

- l-istima għat-tindif tal-purtieri kollha hija ta' Lm220.00 (ara Appendiċi 'J').

- ser tinxtara l-uniformi tas-sajf ta' l-impjegati.

- ser jinxtraw żewġ fire extinguishers.

9.09 Ġie deċiż unanimament li:-

- tintbagħat ittra lill-Ministeru għat-Turiżmu minħabba li fil-Bajja ta' San Ġorġ fejn kienu qed isiru x-xogħlijiet hemm taraġ li għadu mhux aċċessibbli għall-pubbliku.

- Tintbagħat ittra lill-iStreet Naming Committee biex jiġi vverifikat jekk Triq Ġdida fi Triq San Mark ingħatatx l-isem ta' Montanaro Gauci u jekk le biex tingħata l-isem.

- fi Triq Ta' Ġiorni faċċata tal-bus shelter li diġa hemm isir bus shelter ieħor.

- tintalab kwotazzjoni sabiex isiru bit-tarmakk il-passaġġi li hemm bejn Triq Lapsi u Triq William H. Prescot u bejn Triq Willian H. Prescott u Telgħet Birkirkara.

- Jsir patching fi Triq il-Mensija u Triq Forrest.

9.10 Il-Kunsillier Norman Vella ġie skużat fil-6.15 p.m.

9.11 Il-Kunsilliera Irene Borg nfurmat lill-Kunsill li ser torganizza żewġ 'self-funding activities'; waħda nhar l-Erbgħa 10 ta' Mejju 2006 għal Jum l-Omm, fil-Buġibba Holiday Complex u ħarġa għal Għawdex, għal Jum il-Missier, fis-16 ta' Ġunju.

9.12 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fil-6.40 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |